E/sec

SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 4010**

Illum it-Tlieta, 20 ta' April 2010
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-6.30pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 3810 li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Marzu 2010 u laqgħa numru 3910 li saret b'urġenza nhar it-Tnejn, 12 ta' April 2010 ġew approvati.

## 1.1 Mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 3810

### 1.1.1 *Konferenza ta' l-ECAD*

Is-Sindku rrefera għal minuti tal-laqgħa numru 3810 u qal li l-konferenza ta' l-ECAD li kienet ser issir Għawdex kellha tiġi mħassra minħabba fil-problema ta' l-ivjaġġjar bl-ajru.

### 1.1.2 *Applikazzjoni ERDF-Turiżmu*

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien issottometta applikazzjoni ta' l-ERDF fuq proġetti relatati mat-turiżmu. Huwa qal li xtaq jirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill tal-impenn tagħhom biex din l-applikazzjoni tant komplessa setgħat tiġi sottomessa fil-ħin stipulat.

### 1.1.3 *Road Humps*

Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta numru 9 u kkummenta fuq ir-*rubber road humps*. Il-Kunsill iddiskuta dwar kif jista' jinstab l-aħjar mod kif jiġu rranġati r-*rubber humps* eżistenti. Il-Kunsill qabel li r-*rubber hump* ta' Triq il-Peprin għandha tinqala' minn fejn hi u titqiegħed fi Vjal l-Oleandri. Ġie deċiż ukoll li r-*rubber hump* ta' Triq il-Peprin tinqala' dak inhar stess li tkun ser issir bit-tarmak. Il-Kunsill ippropona wkoll li r-*rubber hump* li tinqala' minn Vjal l-Oleandri għandha titqiegħed fi Triq il-Pensjeri kantuniera ma' Triq Għeneb id-Dib. Għandha tintalab l-approvazzjoni ta' l-ADT fuq din il-proposta.

### 1.1.4 *Ftehim mal-Wasteserv*

B'referenza għal minuta numru 4.5 tal-laqgħa preċedenti, is-Sindku qal li qed jiġi ffinalizzat id-dokument biex jiġi ffirmat il-ftehim mal-Wasteserv dwar l-immaniġġjar tal-*bring in sites* li hemm fi Triq il-Begonja u fi Triq Ineż Soler.

### 1.1.5 *Data tar-Residenti*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jibda l-proċess biex tinġabar id-*data* tar-residenti ta' Santa Luċija kif kien stabbilit fil-laqgħa preċedenti (minuta 4.4). Huwa qal li ser tintbagħt formola li wara li tintela trid tasal il-Kunsill f'*self addressed envelope* li ser jiġi pprovdut mill-Kunsill.

## 1.2 Mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 3910

### 1.2.1 *Ittra lil Ministru ta' l-Intern*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien kiteb lil Ministru ta' l-Intern dwar l-inċident li seħħ dan l-aħħar f'Santa Luċija. Huwa qal li din l-ittra (ref: 585/10/O) ġiet ikkuppjata wkoll lil Kummissarju tat-tfal.

Il-Viċi Sindku kkummenta li l-Għassa tal-Pulizija qed terġa' tkun magħluqa. Is-Sindku wieġeb li probabilment kien hemm nuqqas ta' pulizija disponibbli minħabba ż-żjara tal-Papa.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-22 ta Marzu 2010 u l-20 ta' April 2010 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi tqassmu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 505/10/O – Ing. Jonathan Scerri – SEAP
- 559/10/O – Direttur għall-Gvern Lokali – Ħanut tas-Servizzi Soċjali żgassat
- 585/10/O – Ministru ta' l-Intern – Delinkwenza minn minorenni f'Santa Luċija
- 540/10/O – Dipartiment għal Gvern Lokali – *Wifi Access Points*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 446/10/I – Association of Podiatrists of Malta (APM)
- 451/10/I – Valentina Pavarotti – *Gender Pay Campaign*
- 474/10/I – Subculture Animal Friends – Ktieb u DVD
- 498/10/I – ETC – Skema Xogħol fil-Kommunita'
- 512/10/I – Malta Council for Culture and the Arts (MCCA) – *Cultural Calendar*
- 519/10/I – Estate Management Department – *Cactus Garden*
- 527/10/I – Health Promotion & Disease Prevention Department – *National Aerobics Project*
- 567/10/I – ETC – Skema Xogħol fil-Kommunita'
- 587/10/I – Klabb tal-Boċċi – *Pitch* tal-Boċċi
- 593/10/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Training Seminar*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- *Memo* SLLC 05/2010 – Pageant tal-Ġimgħa Mqaddsa

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 446/10/I il-Kunsill innota t-talba li qed tagħmel l-Association of Podiatrist of Malta għal *premises* biex fihom isiru taħdidiet edukattivi għal pubbliku u *lectures* professjonali. Il-Kunsill qabel li jekk dawn l-attivitajiet ikunu miftuħa għal pubbliku mingħajr ħlas ikun lest li joffri l-*annex* u l-*pavillon* lil din l-assoċjazzjoni.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 474/10/I is-Sindku nforma li l-Kunsill ġie ppreżentat bi ktieb u dvd bl-isem ta' "Floyd u Sħabu u l-Annimali tar-Raħal" immirat lejn tfal ta' l-iskola, proġett ta' l-għaqda Subculture Animal Friends. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien ta l-kontribut tiegħu biex dan il-proġett seta' jseħħ.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 498/10/I u 567/10/I is-Sindku nforma li l-Kunsill ser ikun jista' jżomm iż-żewġ ħaddiema ta' l-ETC li għandu fil-preżent u li ser jingħata wkoll żewġ ħaddiema taħt l-istess skema. Il-Viċi Sindku ppropona li dawn il-ħaddiema jingħataw xogħol aktar produttiv għax hawn ħafna xi jsir. Huwa qal li għandu jitħejja programm ta' xogħol ħalli dawn ikunu aktar effettivi. Is-Sindku qal li dawn ser ikunu qed jagħmlu manutenzjoni tal-bankijiet li hawn madwar Santa Luċija.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 512/10/I il-Kunsill qabel li l-informazzjoni dwar l-attivitajiet li ser isiru fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija għandhom jiġu nklużi fil-*Cultural Calendar* tal-Malta Council for Culture and the Arts.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 519/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-Estate Management Department kien irċieva talba mingħand individwu biex biċċa art fi Triq Bir id-Deheb li taqa' taħt il-konfini ta' Santa Luċija jkun jista' jagħmilha *Cactus Garden*. Is-Sindku qal li kien iltaqa' m' uffiċċjali ta' l-Estate Management Department fuq il-post biex jassigura li l-biċċa art li qed jitlob dan l-individwu ma taqax fil-pjanijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-konferma.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 527/10/I il-Kunsill ġie nfurmat li ma jistgħax jipparteċipa fl-*Aerobics National Project* peress li l-*open air venues* li offra ma jaqgħux taħt ir-rekwisiti ta' dan il-proġett.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 587/10/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Klabb tal-Boċċi għandu l-ħsieb li jdawwar il-*pitch* bil-*fence wire*. Huwa qal li s-segretarju ta' dan il-klabb kiteb dwar xi għajnuna li jista' jagħti l-Kunsill f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħt ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Clyde Puli. Il-Kunsill irrefera għall-iskemi li joħorġu minn żmien għal żmien u qabel ukoll li jgħin lil dan il-Klabb jekk toħroġ xi skema għal proġetti relatati ma' l-i*sports*.

3.8 B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 593/10/I is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien ser jipparteċipa f'*seminar* obligatorju għal kull min qed jippjana biex jissottometti applikazzjoni għal fondi Ewropej.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Santa Luċija Fest*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar proposta li qed jagħmel resident minn Santa Luċija biex terġa' tiġi organizzata l-attivita' bl-isem 'Santa Luċija Fest' li l-qofol tagħha hija wirja ta' karozzi antiki. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### 4.2 *Żgassar ta' ħanut fi Triq Ineż Soler*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie żgassat il-fond li jinsab f'idejn id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Huwa qal li hu kien għamel rapport lil pulizija u ħa xi ritratti tal-post. Is-Sindku qal li f'dan il-post kien hemm xi għamara mhux użata kif jidher fir-ritratti. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ilu jitlob li jingħata dan il-fond biex jintuża għal-librerija pubblika. Huwa qal ukoll li kien hemm proposta biex dan il-fond jintuża bħala l-Uffiċċju Reġjonali iżda d-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali baqa' jsostni li għandu bżonn dan il-fond. Is-Sindku qal li kien kiteb lill-Onorevoli Dr Chris Said u bagħtlu r-ritratti sabiex juri li b'kapriċċ dan id-Dipartiment qed iħalli post fiċ-ċentru ta' Santa Luċija magħluq meta dan jista' jintuża aħjar għal benefiċċju tar-residenti ta' Santa Luċija.

### 4.3 *Wifi Access point*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien qed jirrakomanda li jsir *Wifi Access Point* fil-Playing Field *area*, fi Pjazza 7 ta' Lulju jew fil-Picnic Area.

### 4.4 *Puttinu Cares*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li qed isiru arranġamenti biex il-Kunsill ta' Santa Luċija flimkien mal-Football Nursery jipparteċipaw fil-maratona tal-Puttinu Cares. Huwa qal li din l-attivita' ser issir il-Ħadd, 25 ta' April 2010 u ser ikun hemm trasport minn ħdejn l-Għassa tal-Pulizija għal kull min jixtieq jattendi.

### 4.5 *Ringrazzjament*

Il-Kunsillier Joe Bonello irringrazzja lill-Kunsill tas-sapport li tah waqt li kien rikoverat fl-Isptar Mater Dei.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3054 sa numru BOV3079 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2010 CM40(01).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lill-Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti Numru 3810 u 3910.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Marzu 2010 Ammont *Gross* €5202.96

### *5.3 Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF)57/09/02 | 834 | 1548.50 |
| Karmig Trading Ltd | RM/PF(57/09/02) | 835/6 | 824.14 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 837 | 19077.79 |
| Karmig Trading Ltd. | RMPF(57/09/02) | 838 | 2384.08 |
| Karmig Trading Ltd. | RMPF(57/09/02) | 839 | 4285.38 |
| ELC Ltd. | PKG57 | *Service for March*10 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | SLLC(Q/09/01) | *Service for March* 10 | 2534.60 |
| Nexos Street Lighting Ltd. | SL(57/09/04) | 20088576 | 260.34 |
| Cleansing Services Dept. | PC57 | *Service for March* 10 | 507.73 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | *Service for March* 10 | 1131.53 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | *Council Mobile PABX Mar* 10 | 85.93 |
| Vodafone Malta Ltd. | 311655 | *Council Mob. March* 10 | 53.81 |

## 6. AUDITED FINANCIAL STATEMENTS U MANAGEMENT LETTER

Il-Kunsill approva l-*audited financial statements* li jkopru l-perjodu mill-1 ta' April 2009 sa l-31 ta' Diċembru 2009. Il-Kunsill ġie nfurmat li saru xi *adjustments* mill-awditur u li l-Kunsill għalaq is-sena b'bilanċ pożittiv.

Is-Sindku qara l-*management letter* li bagħat l-awditur wara li sar l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għal perjodu hawn fuq imsemmi. Ġew innotati xi punti li dwarhom il-Kunsill qabel li jieħu l-passi neċessarji biex ikun aktar *in line* mal-proċeduri ta' l-att dwar il-Kunsilli Lokali. Filfatt ġie deċiż li jekk ikun hemm il-bżonn il-Kunsill ser ikun qed jiddepożita l-flus fil-banek darbtejn fil-ġimgħa minn flok darba. Fuq rakkomandazzjoni ta' l-awditur, il-minuti tal-Kunsill ser jibdew jiġu *binded* fit-tmiem ta' kull sena. Is-Sindku qal li fir-rigward tal-*mobile phone* tal-Kunsill li juża hu, għalissa ser tibqa' titħallas biss il-kera peress li dan qiegħed b'kuntratt. Huwa fakkar li l-Kunsill kien bagħat *e-mail* lid-Dipartiment dwar dan u sa issa l-Kunsill għadu ma rċeviex tweġiba. Huwa qal li fil-ġranet li ġejjin ser titħejja t-tweġiba tal-Kunsill għal punti kollha mqajma fil-*management letter.*

## 7. SISTEMA TA' PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP

Is-Sindku tkellem dwar il-*public private partnership* u qal li l-Kunsill għandu jieħu parir professjonali dwar l-ispiża li jista' jidħol għaliha fuq din l-iskema. Il-Kunsill qabel li issir diskussjoni dwar din l-iskema fil-laqgħa li jmiss.

## 8. KUNTRATT: ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU

Il-Kunsill beda jiddiskuti ż-żewġ offerti li ntefgħu fir-rigward tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart domestiku. Ġie deċiż li l-*adjudication committee* ikun iffurmat mill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitħejja rapport fuq il-parti finanzjarja u fuq il-parti teknika ta' l-offerta biex l-*adjudication committee* ikun jista' jevalwa dawn iż-żewġ offerti.

## 9. KWOTAZZJONIJIET

### 9.1 *SLLC Q(57/10/02)-Manutenzjoni tal-pompi tal-funtana ta' Ġnien is-Serenita'*

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet intefgħat kwotazzjoni waħda biss għas-sejħa li ħareġ il-Kunsill għal manutenzjoni tal-pompi tal-funtana ta' Ġnien is-Serenita'. Din is-sejħa kienet tagħlaq f'nofs inhar ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2010. Din il-kwotazzjoni kienet ta' AFS Ltd. li offrew li jagħmlu manutenzjoni estensiva għas-somma ta' €1,392.59. Is-Sindku qal li oriġinarjament dawn il-pompi kienu nxtraw

mingħand AFS Ltd. u filfatt dawn diġa kienu għamlu spezzjoni ta' dawn il-pompi biex jaraw x'hemm bżonn isir. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni u għandu jiġi ordnat ix-xogħol b'effett immedjat.

### 9.2 *SLLC Q(57/10/03)-Method Statement*

Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa li ħareġ il-Kunsill biex jiġi ppreparat *method statement* li qed jintalab mill-MEPA fir-rigward t' applikazzjoni PA 04720/09 – to rehabilitate and cleaning of pre historic hypogeum. Din is-sejħa dehret fil-*Malta Independent* nhar l-Erbgħa, 7 ta' April 2010 kif ukoll fil-gazzetta tal-Gvern. Din is-sejħa kienet talaq f'nofs inhar ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' April 2010 u għaliha ntefgħu żewġ kwotazzjonijiet kif ġej:

| **Isem** | **Ammont €** |
|---|---|
| David Zahra | 2,300 (excl.VAT) |
| Edward Calleja | 2,400 (excl. VAT) |

Il-Kunsill innota l-kwalifiki ta' dawn it-tnejn minn nies u bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-esperjenza li għandhom f'dan il-qasam. Il-Kunsill qabel li jinkariga lil Perit Zahra fuq dan ix-xogħol. Il-kwotazzjoni tal-Perit Zahra kienet ukoll l-orħos offerta.

### 9.3 *SLLC Q(57/10/04)-Walk Behind Flail Mower*

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *mower*. Din is-sejħa kienet tagħlaq f'nofs inhar tat-Tlieta, 20 ta' April 2010 u għaliha ntefgħu żewġ offerti kif ġej:

| **Isem** | **Ammont €** |
|---|---|
| I.V. Portelli & Sons | 3,981.49 |
| Gaetano Caruana Ltd. | 2,750.00 |

Il-Kunsill iddeċieda li l-orħos offerta kienet tissodisfa r-rikwisiti tal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jixtri dan l-apparat agrikolu mingħand Gaetano Caruana.

### 9.4 *Xiri ta' Generator*

Is-Sindku rrakkomanda li jinġibu kwotazzjonijiet biex jinxtara *generator* għall-uffiċċju tal-Kunsill biex meta jinqata' d-dawl ix-xogħol tal-Kunsill ikun jista' jibqa għaddej normali.

## 10. XOGĦOLIJIET

### 10.1 *Bankina fi Triq il-Lellux*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kont fuq ix-xogħol ta' *upgrading* li sar fuq il-bankina fi Triq il-Lellux qabeż l-istima li kien ħejja l-perit b'mod sostanzjali. Filfatt l-istima għal dan ix-xogħol kienet tammonta għal €15,518.27 filwaqt li l-kont tela' għal €20,081.88. Is-Sindku qara *e-mail* li bagħat il-perit fejn ta r-raġunijiet u d-dettalji għal din iż-żieda fl-ispiża msemmija.

### 10.2 *Manutenzjoni ta' ħajt fi Triq il-Ġnien*

Il-Kunsill qabel li għandu jsir manutenzjoni ta' ħajt fi Triq il-Ġnien. Is-Sindku qal li dan il-ħajt qiegħed fi stat perikoluż u għandu jsir manutenzjoni ta' madwar ħmistax-il metru minn dan il-ħajt.

### 10.3 *Xogħolijiet ta' Major Patching*

Il-Kunsill iddiskuta x-xogħol ta' *major patching* li hemm bżonn isir. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien tah stimi provisorji kif ġej:

| | |
|---|---|
| • Triq Katerina Vitale (parti) | €14,103.12 |
| • Triq il-Fortizza (parti) | € 6,112.04 |
| • Triq il-Ġibjun (parti) | € 613.50 |
| • Triq il-Ġjaċinti (kollha) | €10,687.68 |
| • Triq iż-Żafran | €1,901.91 |
| • Triq il-Lellux (parti) : | €2,277.54 |
| • *Road humps* | €417.60 'il waħda |

Il-Kunsill qabel li jsir *major patching* fi Triq il-Lellux u ssir *road hump* fi Triq il-Begonja skond l-approvazzjoni ta' l-ADT u *road hump* oħra fi Triq il-Peprin flok dik eżistenti. Il-Kunsill qabel ukoll li r-*rubber hump* fi Triq il-Peprin għandha titqiegħed fi Triq il-Pensjeri kantuniera ma' Triq Għeneb id-Dib u Triq Għeneb id-Dib kantuniera ma' Triq Ħalib it-Tajr.

Is-Segretarja Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-finanzi u qalet li mill-bidu tas-sena sar infieq li ma kienx inkluż fil-*budget* għal din is-sena. Hija qalet ukoll li l-Kunsill qed japplika biex jagħmel proġetti taħt diversi skemi li għalihom il-Gvern jgħatik biss persentaġġ ta' l-ispiża, għalhekk il-Kunsill ikollu bżonn il-flus f'idejħ jekk dawn il-proġetti jiġu approvati. Is-Sindku qal li fil-kotba tal-bank tal-Kunsill jidher li hemm biżżejjed flus. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-Kunsill irid jimxi mal-*quarterly reports* u mal-pariri ta' l-accountant dwar kemm jista' jonfoq u mhux skond kemm għandu flus fil-bank.

Il-Kunsill qabel li jagħmel biss il-bżonn sakemm jitħejja rapport finanzjarju għall-ewwel xhur tas-sena.

### 10.4 *Manutenzjoni tal-5-a-side Football Pitch*

Is-Sindku qal li kien ġab kwotazzjoni għal manutenzjoni tal-5-*a-side football pitch*. Huwa qal li din tammonta għal madwar €8000. Il-Kunsill qabel li jikteb lil Ministru Tonio Fenech u jipproponi li din l-ispiża ssir mill-*Good Causes Fund*.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar il-Tlieta, 18 ta' Mejju 2010 fis-6.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarja Eżekuttiva**

**Approvati llum** IT-TLIETA,

18 **ta'** MEJJU **2010**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**